SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 04-15**

Illum it-Tlieta, 21 ta' Lulju 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo kienet preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 03-15 li saret nhar l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015 ġew moqrija u approvati kif emendati.

## 1.1 Mill-Minuti

### 1.1.1 Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 1.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li jaħseb li ġie miftiehem ħażin. Huwa rrefera għal kumment li għamel il-Viċi Sindku u qal li din hi opinjoni. Huwa kompla jgħid li hu tkellem fuq din il-problema għax in-nies qed igergru u dan mhux ħela ta' ħin.

Il-Viċi Sindku sostna l-kumment tiegħu u qal li ma jaħsibx li jrid jagħmel il-kumment mod ieħor.

Il-Kunsillier Sciberras qal li la hu qed jirrappreżenta lin-nies, dak li qal mhu ħela ta' ħin xejn.

Fuq il-problema tal-ħruġ għal fuq Xintill Roundabout tkellmet ukoll il-Kunsilliera Caroline Galea u staqsiet jekk sarx l-appuntament ma' Trasport Malta. Is-Sindku qal li saret ittra lil Onor.Joe Mizzi u l-Kunsill talab ukoll li jiltaqa' ma' l-Onor Stefan Buontempo.

Il-Viċi Sindku qal li għandu jintalab rapport dwar kemm qed jinħarġu ċitazzjonijiet f'Santa Luċija.

Il-Kunsilliera Galea qalet li qed ikun hemm ilmenti biex dan il-ħruġ jerġa jinfetaħ għaldaqstant għandha ssir laqgħa mas-CEO u Transport Directorate f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Sciberras qal li fil-laqgħa preċedenti l-Viċi Sindku qal li kien irċieva ittra li ser jingħalaq il-ħruġ. Huwa talab biex jara din l-ittra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din l-ittra ser titressaq fil-laqgħa li jmiss.

### 1.1.2 Day Care Centre

Il-Kunsillier Sciberras staqsa kienx hemm xi żvilupp dwar id-Day Care Centre. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt din il-laqgħa ser jiġu ppreżentati kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *cupboards* għal kċina. Il-Viċi Sindku qal li qed indumu wisq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi kienet diġa ppreżentat kwotazzjoni fil-laqgħa preċedenti u l-Kunsill ra għolja u talabha ġġib kwotazzjonijiet oħra u hekk għamlet.

### *1.1.3 Triangle f'Dawret it-Torri*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet dwar il-proposta ta' modifika li kellha ssir fit-trianglu f'Dawret it-Torri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għada qed tistenna l-*isketch* mingħand il-perit biex iġġib il-permessi neċessarji.

### *1.1.4 Chinese Food Festival*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-attivita' hawn fuq imsemmija u staqsa kemm inġabru flus b'risq Puttinu Cares. Il-Viċi Sindku qal li l-*fee* għal kiri tal-ġnien ġiet *waivered* minħabba li l-attivita' kellha ssir b'risq Puttinu Cares. Huwa qal li jekk ma nkunux nafu kemm inġabru flus ma nistgħux ngħidu għalfejn ma ħadniex il-*fee*. Il-Kunsillier Bonello qal li ma kienx hemm tabella waħda li turi li l-attivita' qed issir b'risq Puttinu Cares. Il-Viċi Sindku qal li din l-attivita' issa saret u minna l-Kunsill jitgħallem, huwa ppropona li l-attivitajiet għandhom jiġu diretti lejn ir-residenti u m'hemmx għalfejn inġiebu l-massa. Dak il-ħin is-Sindku qal li hu ma jara xejn ħażin li l-attivita' tkun miftuħa għall-massa.

Il-Viċi Sindku sostna li l-ġnien m'huwiex intiż għal dik il-massa ta' nies. Huwa semma l-marki tat-*tyres* li hemm immarkati fl-entratura u qal li fil-ġnien mhux permess li jidħlu vetturi. Is-Sindku qal li dawn ser jitneħħew immedjatament.

Il-Kunsilliera Galea qalet li taqbel ma' l-Viċi Sindku u qalet li trid torganizza fuq ċertu livell. Hija kompliet tgħid li dak l-ammont kbir ta' nies ma jixraqx li dak il-ġnien. Hija lmentat li anka tħalla ħmieġ fuq iċ-ċnut tal-ġnien tar-residenti. Hija qalet li din hija *learning curve* u wieħed jitgħallem għal darb' oħra. Il-Kunsillier Bonello qal li fil-futur il-Kunsill għandu jiltaqa' ma' l-organizzaturi minn qabel.

L-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ talbet biex titkellem u qalet li mnalla ġew in-nies minn barra mill-lokalita'għax meta saret attivita' tal-Karnival ma' ġie ħadd.

Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Galea qalu li ma jaqblux ma dan il-kumment

Is-Sinjorina Mamo żiedet tgħid li hi bdiet tiġbor il-flus għal Puttinu Cares waqt l-attivita. Qalet ukoll li waqt li bdiet iddur u tiġbor ħafna nies bdew jgħidula proset ta' l-attivita' li għamel il-Kunsill.

### *1.1.5 Ġieħ Santa Luċija*

Il-Kunsillier Sciberras qal li bħala l-Kunsillier responsabbli mill-affarijiet eklesjastiċi huwa jħoss li Ġieħ Santa Luċija għandu jkun preżentat minnu wkoll. Qamet diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li Ġieħ Santa Luċija m'għandu x'jaqsam xejn ma' l-knisja u r-reliġjon. Dawn il-kummenti ġew notati mill-Kunsill.

Il-Viċi Sindku, s-Sur Cutajar tkellem dwar l-unur ta Ġieħ Santa Lucija li kien ser jingħata lilu bħala apprezzament talli żamm il-kariġa ta' Sindku għal wieħed u

għoxrin sena sħaħ. Huwa qal li sar jaf dan minn bintu stess. Huwa qal li kien jieħu gost li kieku ngħata dan il-Ġieħ iżda issa li ġie rtirat, ma jridhux minn dan il-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Terrence Ellul qal li kien hemm *misunderstanding* u li l-iżball jieħdu fuqu. Il-Viċi Sindku wieġeb li ma tistax tilgħab hekk bl-emozzjonijiet tan-nies. Huwa qallu wkoll li hu bħala Sindku kellu l-poter li jkompli. Is-Sindku s-Sur Terrence Ellul qal li hu ma jaqbiżx il-sħabu l-Kunsilliera. Is-Sur Cutajar tenna jgħid li hu ħassu mweġġa u nsultat.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015 u t-Tlieta, 21 ta' Lulju 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0551-15-O – Ministeru għat-Trasport – Manutenzjoni tal-Ġibjun f'Wied Garnaw
- 0562-15-O – National Audit Office – *Report on Management Letter*
- 0571-15-O – Onor. Joe Mizzi – Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout
- 0594-15-O – Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura – Proġett Zuntier tal-Knisja
- 0611-15-I – Onor. Stefan Buontempo – Talba għal laqgħa mas-Sindku
- 0619-15-O – Foreign Affairs Office of Suzhou – *Letter/invitation*
- 0625-15-O – Residenti Blokk 4 Triq il-Ġnien
- 0635-15-O – Onor. Joe Mizzi – *Driving Lessons*

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0587-15-I - Dipartiment għall-Gvern Lokali – Memo 10-2015: Skema ta' Għajnuna Lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta' ta' Librerija Lokali
- 0608-15-I – Santa Luċija Football Club – Talba għall-għajnuna finanzjarja

- 0615-15-I – Direttorat Għall-Finanzi u Amministrazzjoni – Skema Bejgħ ta' Garaxxijiet
- 0620-15-I – Kumitat Kongunt Grupp G – *Distribution of available funds*
- 0630-15-I – Arts Council Malta – *Cultural Calendar for Maltaculture*
- 0631-15-I – Kunsillier Bonello – Attivita' fi Ġnien is-Serenita'
- 0633-15-I – Chen Juheng – Attivita' fi Ġnien is-Serenita'
- 0729 -15-I – Residenta - Attivita' fi Pjazza 7 ta' Lulju

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- ***Restoration Works Scheme for Local Council – Copy of the Santa Luċija Local Council Application Form***
- ***SLLC Memo 14 -2015*** **- Chinese Food Festival Activity fi Ġnien is-Serenita'**
  **- BBQ fi Ġnien is-Serenita'**
- ***SLLC Memo 15-2015*** **- Community Centre**
  **- Żjara mis-Sindku ta' Lubriano**
- ***SLLC Memo 16-2015*** **- Tabelli loading/unloading**
  **- Ittra lil tal-ħwienet dwar il-ħruġ ta' kaxxi tal-kartun**
- ***SLLC Memo 17-2015*** **- Riċeviment Jum Santa Luċija**
- ***SLLC Memo 18-2015*** **- Ħaddiem tal-IPSL**
- ***SLLC Memo 19-2015*** **- Użu tat-Tea Room mit-Team tal-Football**

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0587-15-I il-Kunsill ġie nfurmat li id-Dipartiment tal-Gvern Lokali huwa kommes li jgħati lil Kunsill l-ammont ta' €600.00 f'għajnuna għal-Librerija Lokali.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0608-15-I il-Kunsill iddiskuta talba mill-Klabb tal-Football għal għajnuna finanzjarja. Il-Viċi Sindku qal li mill-aħħar informazzjoni li għandu, il-Klabb tal-Football huwa kumpanija privata. Ġie deċiż li tintalab kjarifika mill-Malta Football Association f'dan ir-rigward. Il-Viċi Sindku qal li dan il-klabb għandu propjeta tiegħu u l-art ingħatat lil klabb mingħajr

konsultazzjoni. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li l-Kunsill għandu l-limiti tiegħu. Ġie nutat li f'din il-talba l-Kunsill għandu jiġi ndirrizzat kif suppost.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0615-15-I il-Kunsill innota l-iskema ta' bejgħ ta' garaxxijiet u ma qabilx li bħala sid ta' garaxxijiet tal-Gvern għandu japplika għal din l-iskema.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0620-15-I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat Konġunt Grupp G qassam xi fondi, li daħlu minn ċitazzjonijiet, lil Kunsilli li kienu jagħmlu parti minn dan il-kumitat. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn tqassmu skond ftehim li kien sar f'Awwissu 2011 u li s-somma li rċieva l-Kunsill tammonta għal €560.07.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0630-15-I ġie deċiż li ċ-Chess Tournament għat-tfal li ser isir f'Novembru 2015 għandu jiġi nutat fil-Malta Culture Calendar.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0631-15-I, 0633-15-1, 0729-15-I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet li saru fuq użu ta' *premises* għal attivitajiet.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Minuti tas-Sotto Kumitat għal Kultura*

Il-Viċi Sindku ppreżenta kopja ta' l-minuti ta' l-ewwel u t-tieni laqgħa tas-Sotto Kumitat għall-Kultura u nforma lil Kunsill dwar diversi attivitajiet li l-kumitat qed jaħdem fuqhom. Huwa nforma wkoll dwar id-delegazzjoni Uffiċjali mid-Distrett ta' Gusu li mistennija tasal Malta fit-23 ta' Awissu 2015. Huwa qal li matul din iż-żjara ser tiġi ffirmata Letter of Intent biex il-ftehim ta' ġemellaġġ li kien hemm ma' Distrett ta' Jinchang jiġi upgradjat peress li dan il-distrett ingħaqad ma' żewġ distretti oħra u ngħataw l-isem ta' Gusu District.

### *4.2 Day Care Centre-Xiri ta' Għamara*

Il-Kunsill iddiskuta żewġ kwotazzjonijiet għall-xiri u nstallazzjoni ta' *cupboards* għat-Tea Room. Il-Kwotazzjoni tas-Sur Joe Farrugia għas-somma ta' €1000.00 Vat inkluż ġiet approvata mill-Kunsill.

### 4.3 Inizjattivi mir-Reġjun Nofsinhar

#### 4.3.1 CCTV Cameras

Il-Kunsill iddiskuta l-inizjattiva tar-Reġjun li jgħati għajnuna finanzjarja ta' €2000.00 lil Kunsill fuq sistemi ta' CCTV *cameras*. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu żewġ *options* u spega fil-qosor dawn iż-żewġ *options* kif ġej:

***Option 1*** – 4 *stand alone cameras* f'lokazzjonijiet separati. Il-Kunsill ikun responsabbli mill-*monitoring* u mis-*supply* kif ukoll mill-Internet ta' kull camera. Il-Kunsill ikun responsabbli mill-ispiża ta' l-arbli.

***Option 2*** **–** tiġi nstallata CCTV camera waħda li tiġi *monitored* mir-Reġjun u tista' titqiegħed f'siti differenti minn żmien għal żmien.

Il-Kunsill qabel li jara l-ispiża nvoluta fuq *option* 1 fejn jidħol *supply* u *internet* kif ukoll il-*cable* u l-arbli.

#### *4.3.2 Playing Field equipment għall-nies bi bżonnijiet speċjali*

Saret referenza għall-inizjattiva oħra tar-Reġjun fejn il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €1821.76. Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtu l-kwotazzjonijiet ta' dan l-apparat lir-Reġjun Nofsinhar.

**4.4 Ħinijiet ta' l-għeluq ta' faċiltajiet**

Il-Kunsill qabel li Ġnien is-Serenita jibda jingħalaq fl-10.00p.m u l-5-a-side *footballpitch* għandu jingħatalq fid-9.30p.m.

**4.5 Proposta mill-Malta Archery**

Il-Kunsill iddiskuta proposta mill-Malta Archery biex issir Archery Range fl-Isculpture Garden. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta li ma ġietx milqugħa peress li l-Kunsill għażel li jżomm ma' l-*policy* tiegħu u jipproteġi l-*open spaces.*

**4.6 *Skola sekondarja tal-Bniet***

Il-Kunsillier Sciberras qal li huwa nfurmat li f'kompetizzjoni li saret għall-iskejjel jidher l-iskola Sekondarja tal-Bniet f'Santa Luċija kienet l-aktar skola li fiha nġabar skart riċiklabbli. Ġie deċiż li r-Reġjun Nofsinhar għandu jkun infurmat b'dan.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5631 sa numru BOV 5679 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn id-9 ta' Ġunju 2015 u s-17 ta' Lulju 2015

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 03-15(10-06-2015)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Ġunju 2015 | Ammont *Gross* | € 4485.64 |
| Salarji għax-xahar ta' Lulju 2015 | Ammont Gross | € 4591.60 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Koptasin | Sgns u Mkgs | 21032 | 389.50 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv. April 15 | 366.93 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv. June 15 | 366.93 |
| ELC Ltd | PKG 57 | Serv.-June 15 | 2061.50 |
| Joseph and Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Serv.June 15 | 1879.08 |
| Philip Agius and Sons Ltd | RR/PW(57-13/01) | 250415 | 3031.61 |

### 5.4 *Servizz ta' watchman*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €29.12 għal servizz ta' emergenza li ngħata matul ix-xahar ta' Mejju 2015, servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid

### *5.5 Approvazzjoni għal xiri*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' siġġijiet ġodda għal istaff klerikali tal-Kunsill. L-ispiża nvoluta tammonta għal €231.28.

### *5.6 Floodlights fil-5-a-side Football Pitch*

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għal minuta 8.4 tal-laqgħa preċedenti u qalet li l-kuntrattur Nexos Lighting informa l-Kunsill li l-ispiża tal-floodlights għoliet f'12%

biex l-ispiża totali żdiedet minn €2616.12 għal €2756.69. Il-Kunsill qabel li jipproċedi b'dan il-proġett.

## 6. KUNTRATT SS(57-15-01) KUNTRATT GĦAL KNIS U TINDIF TA' TOROQ B'ĦARSIEN LEJN L-AMBJENT

Il-Kunsill iddiskuta din is-sejħa u qabel li l-offerti li ntefgħu ma jissodisfawx il-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jimxi fuq il-parir li ngħata mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jirtira din is-sejħa u toħroġ sejħa ġdida. Il-Kunsill qabel li għandhom jiżdiedu l-frekwenzi tal-knis fit-toroq. Is-Segretarju tal-Kunsill għandha tħejji *work plan* biex tiġi nkluża fid-dokument tat-*tender*. Il-Kunsill qabel ukoll li l-kuntratturi li ġabru d-dokument ta' l-offerta fl-ewwel sejħa għandhom ikunu ntitolati li jiġbru d-dokument tas-sejħa l-ġdida mingħajr ħlas.

## 7 TOWN TWINNING MA' LUBRIANO-VITERBO L-ITALJA

Il-Kunsill iddiskuta proposta ta' Ġemellaġġ mal-belt ta' Lubriano f'Viterbo l-Italja. Saret referenza għall-laqgħa li s-Sindku u l-Viċi Sindku kellhom ma' Ufiċċjali għolja li jirrapreżentaw il-Comune ta' din il-belt. Ġew spjegati l-oqsma li fihom jistgħu jaħdmu flimkien iż-żewġ partijiet fosthom it-tkabbir ta' siġar taż-żebbuġ u l-kaċċa kif ukoll skambju ta' żgħażagħ. Il-Kunsill reġa kkonferma din il-proposta ta' ġemellaġġ liema proposta kienet diġa ġiet approvata f'Diċembru 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet tibgħat kopja tal-Memorandum of Understanding lil Kunsilliera kollha u tibda l-proċedura mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-proposta ta' dan il-ġemellaġġ.

## 8. XOGĦOLIJIET

### 8.1 Triq il-Ġnien

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li mill-*compliance certificate* li qed jitħejja fuq Triq il-Ġnien jirriżulta li hemm xi partijiet żgħar bejn blokk 1 u 2 li mhumiex għal kollox sodisfaċenti. Hija qalet li kellimha l-perit tal-Kunsill li nfurmha li l-Kunsill għandu żewġ *options* li huma: jew li jġiel lil kuntrattur jagħmel *scarifying* u *reinstatement* ta' l-*area* involuta jew li jżomm lil Kuntrattur responsabbli għal numru ta' snin.

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din is-sitwazzjoni u qabel li l-Kuntrattur għandu jintalab jagħmel *scarifying* u *reinstatement* ta' l-*areas* involuti. Il-Kunsill qabel ukoll li l-kuntrattur għandu jinżamm responsabbli li ma jsirx ħsara lil kumplament tat-triq sakemm isir dan ix-xogħol. Ġie nutat li l-kuntrattur għadu ma rrimedjax il-pendenzi li għandu f'din it-triq. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jieħu ħsieb jagħmel is-sollijiet tal-blocks minn 1 sa 7 biex ma jidħolx ilma tax-xita issa li tbaxxiet it-triq.

## 8.2 Triq Ġuljetta Lopez

Saret referenza għall-gutter li hemm ma' l-ġenb ta' blokk C fi Triq Ġuljetta Lopez. Il-Kunsill qabel li dan għandu bżonn ta' manutenzjoni u tindif. Ġie deċiż li dan ix-xogħol isir bil-kuntratt il-ġdid ta' manutenzjoni tat-toroq li għalih għada kif ħarġet sejħa għall-offerti**.**

## 8.3 Installazjoni u manutenzjoni ta' tabelli bl-ismijiet tat-toroq

Fuq talba tal-librara tal-Librerija Pubblika ta' Santa Luċija l-Kunsill qabel li jsiru sinjali fiċ-ċentru tal-lokalita' li jindikaw fejn tinsab il-librerija pubblika.

Il-Kunsill qabel ukoll li jsir eżercizzju biex issir manutenzjoni fuq it-tabelli bl-ismijiet tat-toroq peress li dawn iċċaraw ħafna.

## 8.4 Grada għall-Playing Field

Is-Sindku tkellem dwar il-bżonn li ssir grada fil-*playing field area* biex tagħlaq l-entratura li hemm għal fuq Triq Inez Soler. Huwa ressaq kwotazzjoni għax-xiri u nstallazzjoni ta' din il-grada. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jara jistax jutilizza l-grada li nqagħlet mill-Ġnien Ċiniż qabel jordna grada ġdida.

## 8.5 Oħrajn

**8.5.1** Il-Kunsillier Bonello rrefera għax-xogħol ta' manutenzjoni li sar fuq iċ-cint fil-*parking area* ta' fejn Triq Għeneb id-Dib u qal li x-xogħol sar tajjeb ħafna. Huwa kompla jgħid li hemm bżonn ta' *gutter* fi Triq Pensjeri u Għeneb id-Dib. Ġie deċiż li għandu jintalab *site meeting* mal-perit dwar din il-proposta.

**8.5.2** Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar iż-żbir ta' siġar quddiem blokk U Triq iċ-Ċinenarja. Is-Sindku wieġeb li ix-xogħol ġie ordnat u ser isir.

**8.5.3** Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal *handrail* li kellu jiġi *reinstated* fit-taraġ li minn Triq il-Ġnien jagħti għal Jogging Track. Is-Sindku wieġeb li dan ser isir u li l-Kunsill diġa għandu l-materjal għal dan il-*handrail*.

## 9. ATTIVITAJIET

### 9.1 Ħarġa Għall-Għawdex

Il-Kunsillier Joe Bonello nforma l-Kunsill li ser ikun qed jorganizza ħarġa għal Għawdex fix-xahar ta' Awissu 2015.

## 10. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Awissu 2015 fis-2.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ......................... ta' ........................ 2015**

**Terrence Ellul**
**Sindku**